MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 20/2011

**Francis Cutajar (ID 254143M)**

**vs**

**William Mifsud**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti fejn jesponi bir-rispett;

Illi l-esponenti huwa sid il-fond 43, Triq il-Kuncizzjoni, Marsa;

Illi dan il-fond jinsab mikri lill-intimat vertu l-kera annwali ta’ erba’ mija u sitta u sittin Ewro u ghoxrin centezmu (€466.20), liema kera tithallas kull sitt xhur bil-quddiem;

Illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat mill-esponenti permezz ta’ zewg ittri ufficjali li jgibu l-istess data tas-7 ta’ Jannar, 2009, hu baqa’ ma hallasx il-kera

dovuta u dana ghal aktar minn zewg skadenzi kopji annessi u mmarkati Dok A.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li dan il-Bord joghgbu:

i. Jawtorizza r-ripresa tal-fond 43, Triq il-Kuncizzjoni, Marsa, minghand l-intimat, u

ii. Jipprefiggi lill-parti intimat li tizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Semgha l-provi;

Ra l-atti tar-rikors;

Ra illi l-intimat debitament notifikat bl-odjerna procedura naqas milli jikkontesta l-kawza minkejja li deher darba biss f'dawn il-proceduri. Jidher illi l-intimat ma ghandux interess f'dan il-fond stante in-nuqqas ta' kontestazzjoni. Huwa kien notifikat b'zewg ittri ufficjali sabiex jiskonta l-morozita' fil-hlas tal-kera u minkejja dan baqa' hekk moruz sal-punt illi r-rikorrenti kellhom jirrikorru ghall-odjerna procedura. Jokkorru ghalhekk l-elementi kollha kif ravvizati fl-artikolu 9(a)(i) tal-Kap 69 kwantu jirrigward l-akkampata morozita'. Oltre minn hekk, u fin-nuqqas ta' objezzjoni tal-intimat, dan il-Bord ma setghax jaghmel ezami aktar profond tal-fattispecie tal-kaz kif obbligat jaghmel sabiex jikkonserva l-kirja f'kaz illi tirrizulta xi raguni gustifikata fil-ligi ghaliex baqa' hekk moruz;

Stante ghalhekk illi jirrizultaw l-elementi kollha rikjesti mil-ligi, il-Bord, jilqa' t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-fond indikat fir-rikors promutur u dan wara tletin (30) jum mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------